MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 46/2001/1

Joseph u Pauline konjugi Vella kemm f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom ta' binhom minuri Ryan Vella

Vs

Francis u Giorgia konjugi Rapa u binthom minuri Maria Josette Rapa mizzewga Mercieca.

Il-Qorti,

**Kawza ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni f'incident li sehh waqt il-festa tax-Xewkija tal-1999 meta minn gallarija fit-tieni sular tad-dar tal-konvenuti kienu qeghdin jintefghu bziezaq mimlijin bl-ilma ghal fuq in-nies, u balavostri u parti mill-bank inqalghu minn posthom u waqghu fit-triq. Fl-incident wegga' iben l-atturi meta' ntlaqghat. Il-kawza saret kontra s-sidien tad-dar u l-persuna li kienet qeghda titfa' l-bziezaq.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-23 ta' Mejju 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew li fis-27 ta' Gunju 1999 Ryan Vella, iben minuri ta' l-atturi, wegga' serjament f'incident li sehh fix-Xewkija, Ghawdex meta waqghet fuqu parti minn gallarija tal-fond proprjeta' tal-konvenuti.

Il-gallarija ma kenitx mizmuma tajjeb u ma kenitx fi stat li tiflah u tilqa' nies fuqha izda minkejja dan il-konvenut ippermettew l-uzu tal-istess gallarija.

Minhabba l-griehi li garrab Ryan Vella baqa' jbati minn debilita' permanenti.

L-atturi sofrew danni emergenti u telf ta' qliegh kawza ta' dan l-incident.

L-incident sehh minhabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-proprjeta' taghhom.

Talbu l-atturi sabiex il-qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident li sehh fis-27 ta' Gunju 1999.
2. Tillikwida d-danni sofferti.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni kif likwidati.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fid-19 ta' Gunju 2001 il-konvenuti wiegbu:

1. Maria Josette Rapa hi citata hazin peress li hi maggorenni u mizzewgha u kunjomha Mercieca.
2. Fil-mertu il-konvenuti ma humiex responsabbli ghal incident imsemmi fic-citazzjoni, li bl-ebda mod ma sehh b'tort u htija jew traskuragni taghhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat ir-rapporti li ghamlu l-periti gudizzjarji, it-tabib Dr. Alec Lapira u Dott. Roberta Attard.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonjiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2008 u tat-2 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza hi differita ghas-sentenza.

Tordna korrezzjoni fis-sens li fl-okkju ghandu jigi ndikat li l-konvenuta Maria Josette Rapa hi mizzewga Mercieca.

Ikkunsidrat:

1. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu hlas ta' danni f'incident li sehh waqt il-festa tax-Xewkija tal-1999 meta waqghu ballavostri tal-gebel minn gallarija u fih wegga' l-minuri Ryan Vella. Incident li seta' kellu konsegwenzi ferm koroh. Il-konvenuti jsostnu li l-incident ma sehhx bi htija jew bi traskuragni taghhom.

2. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

(a) Fis-27 ta' Gunju 1999 fil-festa tax-Xewkija waqt li kien ghaddej il-marc minn Triq il-Kbira, sehh incident li fih wegga' Ryan Vella.
(b) Il-konvenuti konjugi Rapa huma proprjetarji tal-fond Redentur, Triq il-Kbira, Xewkija, Ghawdex.
(c) Minn gallerija (mikxufa) fit-tieni sular ta' dan il-fond (livell tal-bejt), Marie Josette Rapa kienet qeghda (flimkien ma' Jacqueline Rapa, Francine Rapa, Carmel Rapa, u Mario Refalo) titfa' bziezaq mimlijin bl-ilma fit-triq ghal fuq in-nies li kien hemm fit-triq.
(d) Bejn il-gallarija u l-bejt hemm hajt divizorju (gholi metru) li ma fih l-ebda fetha.
(e) F'hin minnhom inqalghu balavostri mill-gallarija u parti mill-bank, u Marie Josette Rapa baqghet niezla fit-triq. Fit-triq waqghu wkoll balavostri u parti mill-bank li jitqieghed fuqhom[1].
(f) Il-minuri Ryan Vella, (eta' erbgha snin u nofs) li dak il-hin inzerta kien qieghed fit-triq flimkien ma' ommu

[1] Ara rapport li ghamel il-perit Guido Vella fl-inkjesta magisterjali (fol. 188).

Pauline Vella, intlaqghat u sofra griehi u kien fil-periklu tal-mewt.

3. L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."*.

Il-kolpa tikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u (nuqqas ta' hsieb ta' *bonus pater familias* (Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili).

4. Il-qorti hi tal-fehma li ghal dan il-kaz jahtu l-konvenuti kollha in kwantu kien hemm nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Il-qorti tqies li:-

(a) Il-gallarija fejn sehh l-incident kienet qeghda sservi biss skop dekorattiv, tant li bejn il-gallarija u l-bejt hemm hajt divizorju (gholi ta' metru[2]) minghajr fetha. L-gholi tal-balavostri (77 centimetru) hi konferma ohra ta' dan. Il-persuni kollha li kienu fil-gallarija qabzu l-hajt divizorju. Gallarija li skond il-konvenuta Marie Josette Rapa *"....konna **nuzawha biss** ghall-festa biex naghmlu dawn l-affarijiet li ghadni kif iddeskrivejt."* (seduta tat-22 ta' Marzu 2007 – fol. 204). Mill-assjem tal-provi hu evidenti li kif sehh l-impatt mal-balavostri, dawn cedew ghaliex ma fihomx sahha. Mix-xiehda li tat il-konvenuta Giorgia Rapa[3] jirrizulta li kienet taf li l-balavostri ma kienux daqstant sodi li wiehed seta' jimbuttahom.

Emanuel Mercieca spjega li l-balavostri tal-gallarija huma tas-sitt (6) pulzieri; *"Dawn ovvjament tas-sitt pulzieri (6") ma jkunux daqshekk b'sahhithom daqs tad-disgha pulzieri (9") u wiehed m'ghandux joqghod jimbuttahom bhal qisu qieghed jimbotta hajt,..... Bhala balavostri dawn tad-daqs tas-sitta jitqieghdu **iktar ghall-gost**, mhumiex intenzjonati biex wiehed joqghod jimbuttahom pero jiena nghid illi biex*

[2] Ara rapport li ghamel il-perit Guido Vella fl-inkjesta magisterjali (fol. 186).
[3] Seduta tat-22 ta' Marzu 2007 – fol. 201.

*jaqghu wiehed irid jezercita certu ammont ta' forza biex jibdew jaqghu minn posthom."* (fol. 198).

(b) Il-konjugi Rapa ppermettew li l-gallarija tintuza ghal skop ta' tfiegh ta' bziezaq bl-ilma. Jirrizulta li dan it-tfiegh ta' bziezaq mimlijin bl-ilma kienet issir kull sena matul il-marc tal-festa. Certament li l-gallarija ma kenitx intiza sabiex tintuza ghal dan l-iskop. Il-fatt li fis-snin precedenti setghet saret l-istess attivita' u ma sehh l-ebda incident, ma jfisser xejn. M'hemmx dubju wkoll li attivita' simili twassal biex wiehed ikun qieghed jezercita certu forza sabiex kemm jista' jkun jitfa' l-bziezaq b'sahha. Irrizulta wkoll li fl-art kien hemm l-ilma (fatt konfermat mill-konvenuta Maria Josette Rapa u fir-rapport li ghamel il-perit Guido Vella[4]) u f'dik l-attivita' kollha fejn persuna zgur li ser taghmel hilitha sabiex titfa' l-iktar numru ta' bziezaq fl-iqsar zmien possibbli, facilment wiehed jaljena rasu. M'ghandux jintesa li l-attivita' kienet marc waqt festa, li matulu jkun hemm briju u l-livell ta' adrenalina ikun certament gholi. Il-qorti tikkonkludi li l-konvenuti Francis u Giorgia konjugi Rapa qatt ma messhom ippermettew li ssir attivita' simili minn gewwa l-gallarija tad-dar taghhom. Fil-fehma tal-qorti hadd m'ghandu dritt jitfa' affarijiet lejn haddiehor u din l-attivita' ma kellha qatt tithalla ssir, hi x'inhi l-prassi waqt il-festi. F'dak l-gholi, bl-ilma fl-art u balavostri li ma kienux b'sahhithom bizzejjed biex jifilhu mpatt, kien hemm periklu evidenti fl-attivita' li kienet qeghda taghmel Maria Josette Rapa.

(c) Nuqqas ta' manutenzjoni tal-balavostri. Fatt li jirrizulta mill-process verbal tal-inkjesta magisterjali (fol. 60) fejn jinghad li *"Il-balavostri ta' ma gemb dawk li waqghu kienu jidhru xi ftit maghdurin. Jidher li tikhil kien hemm imma dan biz-zmien, kien spicca u tfarrak, b'mod li ftit li xejn baqa' jidher u kien spicca fil-maggior parti tieghu.* ***Fil-fatt kien hemm bicca mill-balavostri illi lanqas kienu jmissu mal-bank ta' fuqhom ghax kemm it-tikhil kif ukoll it-tajn ta' gewwa kienu spiccaw."***[5]. Il-

[4] Ara fol. 187, *"Din il-parti tal-gallerija kienet mimlija bl-ilma."*. Jidher li din kienet il-kantuniera fejn sehh l-incident.

[5] F'din il-parti giet riprodotta dak li qal l-espert legali (Dr. Kevin Mompalao) fir-rapport li pprezenta fl-atti tal-inkjesta magisterjali.

fatt li l-perit Guido Vella xehed, *"Jiena fuq din il-gallarija illi minnha waqghu l-balavostri kkonstatajt kienx hemm xi periklu u nghid illi mill-ezami illi ghamilt fuq il-post ma kienx ghad hemm xi periklu."* (fol. 182) b'daqshekk ma jifissirx li l-manutenzjoni tal-balavostri kienet tajba, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li jidher li l-balavostri ta' ma' gemb dawk li nqalghu kienu tnehhew mill-pulizija qabel il-perit wasal fuq il-post. Inoltre, fir-rapport li ghamel il-perit Vella fl-atti tal-inkjesta ma nsibu l-ebda riferenza dwar l-istat ta' manutenzjoni tal-balavostri. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li dak li kkonstata Dr. Kevin Mompalao ghandu jigi skartat fuq is-semplici fatt li l-perit tekniku tmien, (8) snin wara l-incident, qal li ma kienx ghad hemm periklu.

(d) Il-konvenuta Marie Josette Rapa kienet qeghda titfa' l-bziezaq mimlijin bl-ilma f'gholi ta' zewg sulari. Fil-fehma tal-qorti kellu jkun facilment prevedibbli ghaliha li f'dak l-gholi jekk imur xi haga hazin l-ilqugh li hemm (il-balavostri) m'humiex tali li joffru xi sigurta'. Marie Josette Rapa spjegat, *"Jien li niftakar hu illi mort biex ingib buzzieqa u f'hin minnhom meta kont qeghda nersaq lejn ix-xifer zlaqt u bqajt niezla minn taht il-bank biz-zewg balavostri fuqu....."*. Attivita' li fil-fehma tal-qorti qatt ma kellha ssir, iktar u iktar meta wiehed iqies li impatt ta' buzzieqa mimlija bl-ilma minn dak l-gholi tista' taghti wkoll lok biex iweggghu n-nies. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex il-mod kif wiehed ghandu jiddeverti waqt il-festi. Il-konvenuta ghogobha tiehu r-riskju u issa ma tistax tfarfar ir-responsabilita'. Il-probabilita' hi li l-konvenuta zelqet fl-ilma li kien hemm fl-art u bl-impatt mal-gallarija, cedew numru ta' balavostri. Dan il-fatt fih innifsu hu wkoll indizju ta' kemm il-balavostri ma kellhomx sahha, meqjus ukoll il-wisa' limitat bejn il-balavostri u l-hajt divizorju li jaqsam il-gallarija mill-bejt. Fih innifsu l-prezenza ta' l-ilma kienet qeghda zzid il-probabilita' li jsehh incident. Fl-access li sar fil-11 ta' Mejju 2007 (fol. 208) intwera fejn kienet il-konvenuta fil-hin li sehh l-incident; *"...fit-tarf net tal-gallarija fil-parti li taghti ghal fuq Triq Santa Katerina."* (fol. 208). Fil-pjanta li ghamel il-perit Guido Vella (fol. 191) hemm notament li f'din il-parti tal-gallarija sab l-ilma u fir-rapport qal *"Din il-parti tal-gallerija kienet **mimlija bl-ilma**."* (fol. 187).

Il-qorti hi moralment konvinta li kieku ma kienx ghan-negligenza tal-konvenuti, dan l-incident ikrah ma kienx isehh. Il-konvenuti jsostnu li l-atturi bbazaw l-azzjoni taghhom biss fuq il-premessa li l-konvenuti ma zammewx il-proprjeta' taghhom fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Il-qorti ma taqbilx in kwantu jippremettu wkoll li:-

(a) Kienet il-konvenuta Maria Josette Rapa li *"ipprecipitat l-incident in kwistjoni fil-mument illi hija kienet fil-gallerija hawn fuq imsemmija fil-hin ta' l-incident."*.
(b) Il-gallarija ma kenitx fi stat li tiflah u tiehu n-nies fuqha.

5. Ghal dak li huma danni, irrizulta li l-minuri qieghed isofri minn kundizzjoni maghrufa bhala *Hyperacusis*. It-tabib Dr. Alec LaPira spjega: *"Hyperacusis is best defined as the collapse of loud tolerance so that almost all sounds produce loudness discomfort even though the actual sound intensity is well below that judged to be uncomfortable by others."* (fol. 233). Spjega wkoll (seduta tal-10 ta' Jannar 2008 –f ol. 231) li:-

- Din il-kundizzjoni ma tinvolvix telfien tas-smiegh[6];
- Kull persuna ghanda tolleranza ghall-hsejjes li jvarjaw bejn 100 u 110 decibels. Fil-kaz ta' Ryan Vella *"....il-livell ta' hsejjes illi jittollera hu bejn wiehed u iehor ta' hamsa u sittin (65) u sebghin (70) decibels."*;
- Il-konsegwenzi huma ta' natura psikologika;
- Din il-kundizzjoni jista' jkollha effett fuq it-tip ta' professjoni li jaghzel il-minuri fil-futur;
- *"....ma hemmx kura specifika ghal din il-kundizzjoni ghajr illi jkun hemm l-assistenza ta' psikologu u li pazjent idarri lilu nnifsu ftit ftit ghall-hsejjes illi jkunu jeccedu s-seventy decibels."*.

[6] Fir-rapport li ghamel l-espert mediku datat 15 ta' Jannar 2005 (fol. 144) jinghad li l-kundizzjoni li qieghed ibaghati minnha Ryan Vella, *"...**no functional disability can be attributed**...."*.

- Mid-data ta' l-incident sakemm ra lil Ryan Vella[7], kien ghadda z-zmien. Dan it-trapass ta' zmien kellu jkun tali sabiex *"...jekk kellu jfieq, kellu jfieq wahdu minghajr l-intervent ta' ghajnuna min-naha ta' psikologu."*. Ghalhekk wasal ghal konkluzjoni li dan il-kaz ma kienx *"...the normal average case ta' hyperacusis li niltaqghu maghha."*.

Jidher li l-kura ghal din il-kundizzjoni hi wahda ta' natura psikologika. Dr. Roberta Attard rrelatat ukoll li l-minuri qieghed ibaghati wkoll minn kundizzjoni maghrufa bhala ***"post traumatic stress disorder li tigri minhabba li wiehed jkun spost ghal xi incident trawmatiku fejn seta' weggha, hu jew haddiehor, jew fejn kien midrub jew fil-periklu li jitlef hajtu minhabba l-imsemmi incident"*** (fol. 168). Kundizzjoni li *"....taffettwa hafna il-hajja affettiva, socjali, akkademika u psikologika tal-persuna u ghandha bzonn trattament psikologika, hafna drabi fit-tul, u xi drabi trattament farmakologika."* (fol. 168). F'rapport addizzjonali prezentat wara d-digriet tal-21 ta' Gunju 2007 (fol. 214) spjegat:

- Il-kundizzjoni fiha *"...sintomi li huma kurabbli izda ukoll aspetti taghha li huma ta' natura permanenti."* (fol. 221).
- Il-minuri ghandu bzonn ta' kura psikoterapewtika. Hemm bzonn li tinghata wkoll terapija lill-genituri sabiex ighinu lill-minuri fil-proces ta' fejqan.
- ***"jekk il-kura ma tinghatax mill-ewwel, is-soltu s-sintomi jippersistu ghal-medja ta' erbgha snin, u hafna drabi jergghu jitfaccaw fl-anniversarju ta' l-incident jew meta l-persuna tkun qed tghaddi minn perjodu ta' stress."*** (fol. 221).
- Il-probabilita' hi li l-minuri ser ikollu jircievi kura ghall-perjodu ta' erbgha (4) snin, peress li ma kienx ircieva kura immedjatament kif sehh l-incident.
- *"...huwa difficli hafna illi wiehed jiddistingwi jekk il-bizghat illi ghandu l-minuri fir-rigward ta' hsejjes u storbju huma gejjin b'mod dirett mill-kundizzjoni*

[7] Fir-rapport datat 15 ta' Jananr 2005, l-espert mediku rrelata li kien ra lil Ryan Vella fil-5 ta' Jannar 2005 (fol. 144).

*fiziku ta' Hyperacusis jew qed jirrizultaw minn kundizzjoni ta' phobia illi hafna drabi tmur id f'id mal-kundizzjoni ta' Post Traumatic Stress Disorder."* (fol. 222).

- Hu possibbli li din il-kundizzjoni tista' jkollha effett fuq il-kapacita' ta' qliegh futur tal-minuri, in kwantu l-potenzjal akkademiku tieghu gie milqut minhabba *hypervigilance*.

6. Mill-provi ma rrizultax li mid-data ta' l-incident l-atturi ghamlu spejez f'kura medika ghall-minuri. L-attur stess ikkonferma dan il-fatt. Il-periti gudizzjarji rrelataw ukoll li ma kienux f'posizzjoni li jiccertifikaw li l-minuri kien qieghed isofri minn debilita' permanenti b'rizultat tal-griehi li sofra. Fir-rigward:-

- ***<u>Tal-hyperacusis</u>*** - l-espert mediku Dr. Alec LaPira ddikjara li peress li din il-kundizzjoni thalli effett psikologiku u ma kienx jista' jikkonkludi li hi kundizzjoni permanenti, ma setax jiffissa rata ta' debilita' permanenti[8]. Spjega kif hemm bzonn li l-minuri jinghata kura minn psikologu; *"desensitizing the hyperacusis patient is a very slow process that probably depends upon how long the patient has had hyperacusis and how severe it is: the average is probably close to 4-5 years."* (fol. 234). Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2008 spejga li: *"Kif ghidt ma hemmx kura specifika ghal din il-kundizzjoni ghajr illi jkun hemm l-assistenza a' psikologu u li l-pazjent idarri lilu nnifsu ftit ftit ghall-hsejjes illi jkunu jeccedu s-seventy decibels."* (fol. 232).

- ***<u>Il-post traumatic stress disorder</u>*** – Dott. Roberta Attard iddikjarat li *"Minhabba li incidenti jaffettwaw persuni differenti b'mod differenti minhabba f'hafna fatturi bhala huma il-karattru u personalita', is-sess tal-persuna, it-tip ta' incident jekk kienx hemm periklu ta' mewt, l-appogg moghti minn qraba wara incident ecc, mhux possibli li wiehed jiddecidi fuq percentagg dizabilta."* (fol. 169). Sussegwentement, spjegat li s-sessjonijiet terapewtici ifissru bejn wiehed u iehor tmienja u ghoxrin

[8] Fol. 231-232.

euro (€28) kull darba li fil-fehma taghha l-minuri ghandu bzonn jattendi darba fil-gimgha.

Gialadarba l-esperti medici ma stabbilewx rata ta' debilita' permanenti u mehud in konsiderazzjoni ta' dak li rrelataw, il-qorti ma thossx li fic-cirkostanzi ghandha taghmel xi ezerizzju f'dan is-sens. Iktar u iktar meqjus li dan jidher li hu kaz fejn il-minuri ghandu bzonn li jircievi kura psikoterapewtika sabiex ikun jista' jvinci l-kundizzjoni ta' *hyperacusis* u *post traumatic stress disorder*. Kura li hemm bzonn li tinghata in kwantu l-qorti qeghda tifhem li l-kundizzjoni qieghed ikollha effett negattiv fuq l-izvilupp emozzjonali u socjali tal-minuri u wkoll fuq l-kapacita' tieghu li jitghallem. Ghajnuna li jirrizulta li trid tinghata wkoll lill-atturi Joseph u Pauline konjugi Vella ghall-beneficcju ta' l-istess minuri, peress li l-genituri ghandhom rwol importanti fil-process ghal fejqan ta' binhom.

Certament li f'dan il-kaz il-qorti ma tistax tirrikorri ghas-sistema addottata fil-kalkolu ta' kumpens jew somma ghad-danni sofferti, u ser ikollha tirrikorri ghal kriterju ekwitattiv ta' l-*arbitrio boni viri*, u cjoe' li tiffissa somma *ex aequo et bono*. L-atturi jsostnu li l-kura li ghandu bzonn il-minuri hi minhabba l-fatt li ma nghatax il-kura mill-ewwel[9] u ghalhekk ma ghandhomx iwiegbu ghan-nuqqas ta' l-atturi. Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi m'ghandhom l-ebda htija ghal dak li gara, u Ryan Vella ghadu jsofri r-riperkussjonijiet ta' dan l-incident ikrah. Il-kura li ghandu bzonn hi b'rizultat ta' l-incident li kien involut fih intortament meta kien qieghed fi triq pubblika flimkien ma' ommu. Wara li l-qorti qieset dak li rrelataw l-periti gudizzjarji tillikwida fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* s-somma ta' tlettax-il elf euro (€13,000) bhala danni, ammont li ghandu jithallas mill-konvenuti *in solidum* b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

---

[9] Dott. Roberta Attard spjegat: *"Mistoqsija jekk ragel mhux espert jew lay man jindunax bil-post traumatic stress disorder, nghid illi certu sintomi ta' din id-disorder huma l-istess bhal dawk li jesperjenzaw it-tfal fit-trobbija, bhal nightmares, u ghalhekk, peress li huwa normali li t-tfal ikollhom nightmares wiehed ma jindunax li huma rizultat ta' post traumatic stress disorder... Nispjega illi dawn is-sintomi huma affarijiet ili jissussistu fit-tfal u ghalhekk ma jkunx hemm bizzejjed awareness ta' fejn jistghu jaslu dawn is-sintomi. Jibdew bil-mod u jistghu jaggravaw"* (fol. 245).

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni minhabba l-korrezzjoni li kienet giet awtorizzata mill-qorti, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fis-sens li:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment ghall-incident li sehh fis-27 ta' Gunju 1999.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlettax-il elf euro (€13,000).

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* lill-atturi nomine s-somma ta' tlettax-il elf euro (€13,000).

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------